TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 419/11/GZ

**Rita Giudice**

**vs**

**Clarks - Dorkins**

Illum 18 ta' April 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tlieta u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (€53.20), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal par zarbun li xtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema par zarbun inqasamlu l-qiegh wara tliet (3) xhur.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-ragel taghha kien xtara par zarbun minghand is-socjeta' ntimata, u wara tliet (3) xhur inqasam il-qiegh tieghu. Ir-rikorrenti flimkien mar-ragel taghha, kienu lmentaw mas-socjeta' ntimata rigward din il-problema, fejn l-istess socjeta' kienet qaltilhom illi stante l-fatt li z-zarbun kien inxtara fil-perjodu tas-sale, ma setghux ibiddluh. Ir-rikorrenti qalet lis-salesgirl illi meta jaghmlu s-sales ghandhom jiddisponu minn zraben li ma jkunux ta' kwalita' tajba, fejn is-salesgirl qaltilha illi dak kien il-policy tal-hanut.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hekk kif intqal mir-rikorrenti, iz-zarbun kien inxtara fis-16 ta' Frar 2011 bi prezz redott, ghaliex kien hemm sale ghaddej dakinhar, u r-rikorrenti lmentat fuq kwistjoni ta' kwalita' fid-9 ta' Awissu 2011, u cioe' kwazi sitt (6) xhur wara. Is-socjeta' ntimata kienet ezaminat l-ilment tar-rikorrenti, u tista' tikkonferma illi l-problema definittivament ma kenitx wahda ta' kwalita'.

Ghandu jigi osservat illi l-par zarbun in kwistjoni kien inxtara ghall-prezz ta' hamsa u tletin Ewro u hamsin centezmu (€35.50) u mhux tlieta u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (€53.20), hekk kif qed titlob ir-rikorrenti.

Ghalhekk, is-socjeta' ntimata ma thossx ruhha obbligata li tirrifuza lir-rikorrenti, ghaliex ma kenitx kwistjoni ta' kwalita', iz-zarbun kien inxtara bil-prezz redott tas-sale u l-ilment gie mressaq kwazi sitt (6) xhur wara, u r-rikorrenti qed titlob ammont eccessiv ghal dak li fil-fatt hallset ghaz-zarbun in kwistjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, u ziedet tistqarr illi r-ragel taghha kien juza dan il-par zarbun ghax-xoghol, fejn huwa jahdem gewwa lukanda u kien jilbes par zarbun differenti sakemm jasal il-lukanda fejn jahdem, u mbaghad kien ibiddel iz-zarbun u jilbes iz-zarbun in kwistjoni gewwa l-lukanda biss. Ir-rikorrenti kkoregiet ruhha bill stqarret illi fejn fit-talba taghha hija talbet l-ammont ta' tlieta u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (€53.20), dan l-ammont kellu fil-fatt ikun ta' hamsa u tletin Ewro u ghoxrin centezmu (€35.20), stante l-fatt illi dak kien il-prezz li hija kienet hallset ghaz-zarbun in kwistjoni.

Ir-rikorrenti ezebiet il-par zarbun in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

Ir-rikorrenti ma kelliex l-ircevuta fiskali taz-zarbun in kwistjoni, pero' ezebiet biss kopja tal-istatement tal-bank fejn hija ndikat bil-lapes zewg pagamenti illi kienu thallsu lil-'Clarks'.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, u fuq domanda tat-Tribunal, ziedet tghid illi l-perjodu ta' skambju fuq oggetti li nxtraw fiz-zmienijet tas-sale kien ta' gimgha, u dana soggett ghall-kondizzjoni illi z-zarbun ma jkunx intlibes u li tigi pprovduta l-ircevuta fiskali.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja ta' l-ircevuta fiskali datata 16 ta' Frar 2011 ghall-ammont ta' hamsa u tletin Ewro u hamsin centezmu (€35.50).

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ezamina l-par zarbun in kwistjoni, josserva illi z-zarbun in kwistjoni kien intlibes u li kien intlibes mhux hazin, u dana allura b'mod konflingenti max-xhieda li nghatat da parti tar-rikorrenti; din l-osservazzjoni, flimkien mal-fatt illi r-rikorrenti kienet qajmet dan l-ilment numru ta' xhur wara li z-zarbun kien inxtara, u cioe' mhux fit-terminu ta' gimgha wara li kien inxtara, u dana wara li z-zarbun kien diga' ntlibes, u minghajr ma' pprezentat l-ircevuta fiskali, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**